# Il-Ħadd 10.01.2016

1. Il-Ħamis 14/01:
   - Fil-5:00pm, laqgħa tal-Grupp San Piju tal-pjagi, fis-Sala Parrokkjali taż-Żurrieq.
   - Min jitħajjar jattendi jinkiteb fis-sagristija minħabba li ser ikun hawn xi transport organizzat.
   - Fis-7:15pm tiltaqa' il-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

2. Is-Sibt 16/01:
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali.
   - Fid-9:00pm - Quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' Burmarrad.

3. Il-Ħadd 17/01, **Jum l-Emigranti u r-Refuġjati**:
   - Fil-11:00am - Ftuħ ta' Wirja Pawlina fil-Każin San Pawl.
   - Fis-2:00pm - *Treasure Hunt* f'Ħal Safi marbuta ma' San Pawl, organizzata mill-Kunsill Lokali Żgħażagħ. It-tfal imħeġġin jinkitbu fl-Uffiċċju tal-Kunsill ħalli jieħdu sehem.

4. Avviżi oħra:
   - Mit-Tlieta 12/01 sal-Ħamis 14/01, l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq minħabba li bħala Kappillan, jien fid-dmir li nkun preżenti għal-Live-In tal-Kappillani li ser isir f'dawn il-jiem fis-Seminarju, f'tal-Virtù, ir-Rabat.
   - Matul din il-ġimgħa ser jitqassam id-Djarju-Direttorju Parrokkjali għas-sena 2016.

5. Il-Ġimgħa 22/01, **Pellegrinaġġ għall-Katidral tal-Imdina ddedikat lill-Konverżjoni ta' San Pawl fis-Sena Mqaddsa tal-Ġublew tal-Ħniena:**
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:40pm - Nitilqu lejn il-Katidral.
   - Fis-6:30pm - Ċelebrazzjoni fil-Bieb tal-Ħniena.
   - Fis-6:45pm - Niċċelebraw il-Quddiesa.

   Tluq fis-5:40pm u nkunu lura għall-ħabta tat-8:15pm.
   Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   *Filgħaxija ma jkollniex il-quddiesa fil-knisja parrokkjali.*

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 300 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr tal-bankun u tan-niċċa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.

7. Nitolbu għal Pawlu Farrugia li għadda għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtih o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...